Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0267

It-theddida ta’ delitti tal-gwerra, il-ksur li qed jiżdied tad-dritt umanitarju internazzjonali u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f’El-Obeid, is-Sudan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta’ Lulju 2026 dwar it-theddida ta’ delitti tal-gwerra, il-ksur li qed jiżdied tad-dritt umanitarju internazzjonali u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f’El-Obeid, is-Sudan (2026/2799(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-kunflitt bejn il-Forzi Armati Sudaniżi u l-Forzi ta’ Appoġġ Rapidu (RSF) eskala fl-akbar kriżi umanitarja tad-dinja, b’aktar minn 33 miljun persuna, inklużi 16-il miljun tifel u tifla, li jeħtieġu għajnuna, u miljuni li jiffaċċjaw il-ġuħ u l-ispostament;

B. billi l-RSF assedjaw lil El-Obeid, u jingħad li qed iħejju offensiva imminenti fuq l-art; billi l-atturi internazzjonali jwissu dwar ir-riskju ta’ atroċitajiet tal-massa f’El-Obeid, b’500 000 persuna ċivili f’riskju;

C. billi l-missjoni indipendenti ta’ ġbir ta’ informazzjoni tan-NU sabet li l-ħtif ta’ El-Fasher min-naħa tal-RSF kellu l-karatteristiċi distintivi ta’ ġenoċidju u twissi dwar aktar delitti tal-gwerra; billi l-istupru u forom oħra ta’ vjolenza sesswali jintużaw bħala armi tal-gwerra;

D. billi l-attakki bid-droni kontra El-Obeid qatlu persuni ċivili, qerdu l-aċċess tal-belt għall-elettriku u l-fjuwil, qatgħu l-provvisti tal-ilma u fixklu l-aċċess għal ħtiġijiet li jsalvaw il-ħajja; billi s-sistema tal-kura tas-saħħa tas-Sudan qed tikkollassa;

E. billi rapporti kredibbli jindikaw li l-RSF qed igawdu minn appoġġ estern, inkluż permezz ta’ kuntratturi militari barranin u t-trasferiment ta’ tagħmir militari, bi ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi d-delitti tal-gwerra u d-delitti

kontra l-umanità fis-Sudan, b'mod partikolari l-assedju li għaddej bħalissa ta' El-Obeid min-naħa tal-RSF, u jinsisti li l-komunità internazzjonali għandha tevita li jiġi ripetut il-massakru ta' El-Fasher u ġġiegħel lill-RSF jieqfu jassedjaw El Obeid;

2. Jitlob bil-ħerqa lill-partijiet kollha fil-kunflitt biex jieqfu jiġġieldu, jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali u jtemmu minnufih l-attakki kollha kontra l-persuni ċivili, inklużi l-vjolenza sesswali u l-ġuħ furzat;

3. Jitlob lill-UE żżid b'mod urġenti l-appoġġ umanitarju għas-Sudan, inkluż għas-superstiti tal-vjolenza sesswali, dawk li qed jiffaċċjaw il-ġuħ, l-IDPs u r-rifuġjati; jappella għal finanzjament dirett għall-Kmamar ta' Rispons f'każ ta' Emerġenza u għal organizzazzjonijiet lokali oħra tal-ewwel linja; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kurituri umanitarji biex jiġu żgurati rotot ta' evakwazzjoni ċivili u aċċess umanitarju għal El-Obeid li jaqsam il-front u l-fruntieri;

4. Iħeġġeġ lill-UE tingħaqad mal-UA u man-NU fl-isforzi biex jiddjalogaw mal-partijiet fil-kunflitt ħalli jieqfu mill-ġlied u biex jappoġġjaw proċess ta' paċi mmexxi minn persuni ċivili; jitlob lill-UE timponi sanzjonijiet immirati fuq entitajiet u individwi responsabbli għad-delitti tal-gwerra fis-Sudan;

5. Jikkundanna l-indħil estern kollu li jalimenta l-gwerra; iħeġġeġ lill-istati kollha, inklużi l-Emirati Għarab Magħquda, iwaqqfu l-finanzjament, il-provvista tal-armi jew appoġġ ieħor għall-RSF; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kunsill jissanzjonaw individwi, entitajiet u faċilitaturi esterni u kumpaniji privati tas-sigurtà, bħall-Grupp tas-Servizzi tas-Sigurtà Globali, talli kisru l-embargo fuq l-armi tan-NU, u jaħdmu mal-KSNU biex jestendu l-embargo għas-Sudan kollu;

6. Jappella għal obbligu ta' rendikont għall-awturi kollha u jitlob li jsiru investigazzjonijiet indipendenti dwar l-allegati delitti tal-gwerra; iħeġġeġ lill-UE tappoġġja finanzjarjament u politikament dawn l-isforzi, tagħmel pressjoni biex testendi l-ġuriżdizzjoni tal-QKI għas-Sudan kollu, tappoġġja l-mandat tal-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni tan-NU u tikkunsidra li tinkludi l-RSF fil-lista tat-terroriżmu tal-UE;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet tas-Sudan, lill-UA, u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.